MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1287/2005

**Aplan Limited C2450**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) rapprezentanti import ta' tlett (3) kambjali ta' tmenin lira Maltin (Lm80) kull wahda u lkoll skaduti rispettivament fl-20 ta' Novembru, 2000, fl-20 ta' Dicembru, 2000 u fl-20 ta' Jannar, 2001.

Bl-imghax legali minn kull skadenza, u bl-ispejjez legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra illi l-konvenut Joseph Mifsud, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Simon Galea Testaferrata jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------